RIŻOLUZZJONI (UE) 2021/1636 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tad-29 ta' April 2021

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2019

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2019,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0091/2021),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ([1]), il-baġit finali tal-Awtorità Bankarja Ewropea (l-"Awtorità") għas-sena finanzjarja 2019 kien jammonta għal EUR 45 326 900, li jfisser żieda ta' 6,44 % meta mqabbel mas-sena 2018; billi l-Awtorità hija ffinanzjata minn kontribuzzjoni mill-Unjoni (EUR 17 394 600, jiġifieri 38,38 %), u minn kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istati Membri u l-osservaturi (EUR 27 160 689,50, jiġifieri 59,92 %);

B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 ("ir-rapport tal-Qorti"), issostni li għandha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorità huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota bi tħassib li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2019 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 97,29 %, li meta mqabbla mal-2018 tirrappreżenta tnaqqis ta' 2,56 %; jinnota bi tħassib li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 85,88 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 2,35 % meta mqabbla mas-sena preċedenti;

2. Jinnota l-paragrafu ta' osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti dwar provvediment ta' EUR 10,1 miljun relatat mal-kuntratt tal-kiri tal-uffiċċju tal-Awtorità f'Londra; jinnota li, b'mod partikolari, parti mill-provvediment tikkonċerna l-ispejjeż għall-irranġar tal-uffiċċju ta' Londra lura għall-istat oriġinali tiegħu, li tammonta għal EUR 3,4 miljun;

3. Jinnota bi tħassib l-osservazzjoni tal-Qorti li l-baġit emendat tal-2019 u l-baġit tal-Awtorità għall-2020 ma fihomx informazzjoni adegwata dwar il-kontribuzzjonijiet tal-Istat Membru ospitanti l-ġdid għall-ispejjeż operazzjonali tal-Awtorità; jistieden lill-Awtorità tikkoreġi din l-ommissjoni jew tikkomunika diliġentement ir-raġunijiet għal din l-ommissjoni lill-awtorità ta' kwittanza;

4. Jesprimi t-tħassib tiegħu li, għall-kuntrarju tal-baġit stabbilit, il-kontribuzzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali (NCA) tal-Membri tal-EFTA ma ġewx ikkalkulati skont il-formula stabbilita f'dak l-istess baġit u b'hekk il-pagamenti tal-NCAs tal-Unjoni u tal-EFTA naqsu b'EUR 0,7 miljun; jinnota li l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni jeħtieġ jiġi ċċarat aktar; huwa konxju li l-kalkolu huwa stima u li huwa soġġett għall-kompożizzjoni tal-persunal matul is-sena u għall-possibbiltà li jsiru aġġustamenti annwalment; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tirċievi l-pagamenti neqsin;

([1]) ĠU C 107, 31.3.2020, p. 221.

Prestazzjoni

5. Jinnota li l-Awtorità tuża ċerti miżuri bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tivvaluta l-valur miżjud ipprovdut mill-attivitajiet tagħha u tuża wkoll miżuri oħra biex ittejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha, bħall-perċentwal ta' valutazzjonijiet annwali tal-kulleġġi superviżorji kompluti, il-feedback dwar taħriġ minn parteċipanti fis-seminars u l-eżekuzzjoni baġitarja; jilqa' l-fatt li l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-Awtorità jkejlu l-ambitu sħiħ tal-attività tagħha u li jiġu adattati biex isegwu l-prestazzjoni tal-objettivi annwali u pluriennali;

6. Jinnota li l-persunal amministrattiv tal-Awtorità, tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol jiltaqa' regolarment biex jiddiskuti kwistjonijiet ta' interess komuni li rriżultaw fil-kondiviżjoni ta' prattiki u mudelli, li wasslu għal titjib fl-effiċjenza; iħeġġeġ bis-sħiħ lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex iżżid il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-aġenziji deċentralizzati bil-għan li titjieb l-effiċjenza, partikolarment f'oqsma bħar-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-bini, is-servizzi tal-IT u s-sigurtà;

7. Jinnota li fl-2019 l-Awtorità ttrasferiet is-sede tagħha minn Londra għal Pariġi u li, flimkien mal-obbligi li jirriżultaw mill-mandat tal-Awtorità, tul is-sena twettqu attivitajiet assoċjati, bħall-migrazzjoni lejn ċentri tad-data ġodda, l-istabbiliment ta' relazzjonijiet ġodda mal-fornituri u kompiti oħra; jirrikonoxxi l-isfidi ffaċċjati mill-Awtorità f'dan il-proċess, bħat-telf ta' persunal u know-how u r-riżorsi limitati assenjati għall-proġett ta' rilokazzjoni;

8. Jirrikonoxxi li għall-Awtorità, l-2019 kienet ikkaratterizzata wkoll mir-rieżami fundamentali tal-kompiti, is-setgħat u l-governanza tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, li rriżulta fl-emenda tar-regolament fundatur tal-Awtorità u t-tisħiħ tar-rwol tal-Awtorità fl-oqsma tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, il-ħarsien tal-konsumatur u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi;

9. Jirrikonoxxi li l-kompożizzjoni tal-bord tas-superviżuri tal-Awtorità tidher adatta għar-responsabbiltajiet tal-Awtorità f'dak li għandu x'jaqsam mat-tfassil tar-regoli, iżda mhux daqstant għar-rwoli superviżorji tagħha; ifakkar, f'dan il-kuntest, fil-mandat il-ġdid tal-Awtorità fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

10. Jistieden lill-Awtorità ttejjeb u tintensifika l-komunikazzjoni tagħha mal-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Awtorità ttejjeb u tintensifika l-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Membri u mal-banek nazzjonali u l-korpi bankarji kummerċjali tal-Istati Membri;

11. Jiddispjaċih li l-Awtorità wettqet 19 biss mit-30 attività tal-programm ta' ħidma tagħha għall-2019; jinnota li l-ħarsa ġenerali lejn il-kisbiet politiċi tal-Awtorità rigward il-programm ta' ħidma tagħha għall-2019 kif ippreżentata fir-rapport annwali tal-attività tagħha ma tagħtix ħarsa ġenerali sħiħa lejn l-attivitajiet imwettqa mill-Awtorità, peress li r-riżultati tal-attivitajiet li għaddejjin mhumiex deskritti; jinnota bi thassib li, mill-attivitajiet deskritti fir-rapport annwali tal-attività tagħha, twettqu (parzjalment) 17 mill-21 attività rrappurtati u li l-Awtorità wettqet attivitajiet sekondarji addizzjonali għal disa' attivitajiet, seba' attivitajiet sekondarji ġew posposti, ħames attivitajiet sekondarji raw dewmien, erba' attivitajiet sekondarji ġew ikkanċellati u waħda għadha pendenti; jistieden lill-Awtorità tevalwa n-nuqqasijiet u l-kawżi ta' din il-prestazzjoni batuta u tadotta miżuri mmirati biex jitjieb it-twettiq effiċjenti tal-objettivi tal-programm ta' ħidma;

12. Jisħaq fuq l-importanza li tiżdied id-diġitalizzazzjoni tal-Awtorità f'termini ta' proċeduri ta' ġestjoni u operazzjonijiet interni; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Awtorità tkompli tkun proattiva f'dan ir-rigward sabiex jiġi evitat, akkost ta' kollox, distakk diġitali bejn l-aġenziji; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-sigurtà online tal-informazzjoni pproċessata;

13. Jilqa' l-isforzi tal-Awtorità favur reġim superviżorju aktar ikkoordinat fis-sistema finanzjarja Ewropea kollha; jissottolinja r-rwol tagħha li tiżgura suq finanzjarju stabbli, integrat tajjeb, effiċjenti u sikur; jenfasizza l-importanza tal-ħarsien tal-konsumatur fl-Unjoni billi jiġu promossi l-ekwità u t-trasparenza fis-suq tal-prodotti u tas-servizzi finanzjarji, u jistenna bil-ħerqa li jirċievi aġġornament dwar il-miżuri li se jittieħdu f'din id-direzzjoni, inklużi r-reazzjonijiet għall-isfidi tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u l-miżuri ta' sostenibbiltà;

14. Jenfasizza li s-superviżjoni tas-settur finanzjarju pubbliku tikkontribwixxi pożittivament għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-ħasil tal-flus;

15. Ifakkar fl-importanza tal-Awtorità fil-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll il-mandat il-ġdid tal-Awtorità f'dan il-qasam; jistenna b'interess li jirċievi l-pjan ta' azzjoni ta' 10 punti tal-Awtorità għall-2020/21 biex jittejjeb il-qafas tar-rekwiżiti prudenzjali u kontra l-ħasil tal-flus li jkopri l-iskemi ta' negozju ta' arbitraġġ tad-dividendi; jenfasizza wkoll li l-Awtorità għandha tagħmel użu sħiħ mis-setgħat mogħtija lilha skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tiżgura li x-xogħol u l-kompiti kollha jsiru kif suppost u fil-ħin, u biex tiżgura li jitwettqu l-kompiti u l-objettivi stabbiliti f'dak l-istess Kapitolu, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħarsien tal-konsumatur fil-qasam tal-finanzjament diġitali – li jinkludi n-neobanks – li qed jikber b'rata mgħaġġla;

16. Jissottolinja d-dmir tas-sistema finanzjarja li tirrispondi b'mod xieraq għall-isfidi tas-sostenibbiltà finanzjarja, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Ftehim ta' Pariġi; jilqa', għalhekk, l-isforzi tal-Awtorità biex tinkorpora bis-sħiħ il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza fil-ħidma tagħha; jesprimi l-interess tiegħu, partikolarment, għall-intenzjoni tal-Awtorità li tiġbor evidenza maż-żmien dwar skoperturi relatati ma' assi ta' attivitajiet assoċjati sostanzjalment ma' objettivi ambjentali u/jew soċjali, u jistenna b'interess aġġornament dwar dan ix-xogħol;

17. Jinnota li l-Awtorità wettqet inkjesta dwar skemi ta' arbitraġġ finanzjarju tad-dividendi bħal *cum-ex* jew *cum-cum*, kif mitlub mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-iskandlu *cum-ex*: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti ([2]); jinnota, madankollu, li r-rapport naqas milli jixħet dawl fuq dawk il-prattiki illegali u jiddispjaċih li ma ġiet iffissata l-ebda data għal inkjesta formali;

18. Jirrimarka li l-Awtorità, fit-twettiq tal-attivitajiet tagħha, trid toqgħod attenta għall-iżgurar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, ir-rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità bħala prinċipju gwida, fejn rilevanti, u l-konformità mal-prinċipji fundamentali li jirregolaw is-suq intern; jilqa' t-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv dwar il-Proporzjonalità biex jissorvelja l-prinċipju tal-proporzjonalità u jistenna b'interess li jirċievi l-metodoloġija proposta dwar kif il-Kumitat se jikkontribwixxi għall-programm ta' ħidma annwali tal-Awtorità;

19. Jinnota li, peress li l-volum tax-xogħol tal-Awtorità qiegħed jinbidel dejjem aktar minn kompiti regolatorji għall-infurzar u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ir-riżorsi baġitarji u tal-persunal iridu jiġu riallokati internament; jirrimarka li ffukar strett fuq il-mandat assenjat mill-leġiżlatur Ewropew jiżgura użu aktar effettiv u effiċjenti tar-riżorsi; jenfasizza l-urġenza li l-Awtorità tingħata biżżejjed riżorsi biex tkun tista' twettaq il-kompiti assenjati lilha b'mod adegwat u effiċjenti; iqis li r-responsabbiltajiet futuri li se jirriżultaw, fost l-oħrajn, mill-Istrateġija dwar il-Finanzi Diġitali kif ukoll ir-responsabbiltajiet inerenti għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jirrikjedu adattament fil-finanzjament tal-Awtorità; josserva li ż-żidiet fil-baġit għandhom ikunu gradwali u kontinwi fuq tul ta' żmien, f'konformità maż-żieda fil-kompetenzi;

20. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku ġenerali;

([2]) ĠU C 363, 28.10.2020, p. 102.

Politika dwar il-persunal

21. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2019, 99,31 % tat-tabella tal-persunal kienet implimentata, b'144 aġent temporanju maħtura minn 145 aġent temporanju awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni, (apparagun tal-145 post awtorizzati fl-2018); jinnota li, barra minn hekk, 42 aġent kuntrattwali (49 awtorizzati) u 16-il espert nazzjonali sekondat (17 awtorizzati) ħadmu għall-Aġenzija fl-2019; jinnota li d-dawran tal-impjegati fost l-aġenti temporanji, l-aġenti kuntrattwali u l-esperti nazzjonali sekondati naqas minn 12,1 % għal 9,0 %;

22. Jinnota li l-Awtorità wettqet bidliet fil-maniġment superjuri tagħha wara l-ħatra tal-president il-ġdid f'Marzu 2019 u r-riżenja tad-direttur eżekuttiv tagħha f'Awwissu 2019;

23. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Awtorità kellha inqas riżenji minħabba r-rilokazzjoni milli kienet assumiet u li l-attività prinċipali kienet f'pożizzjoni li titkompla kważi bħas-soltu tul il-perjodu tar-rilokazzjoni; jirrikonoxxi dan l-impenn straordinarju tal-persunal tal-Awtorità;

24. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Awtorità rrappurtat li l-membri tal-persunal tagħha huma ta' 28 nazzjonalità differenti, li minnhom 50 % huma nisa u 50 % huma rġiel; jinnota bi tħassib li 83 % tal-komponenti tal-maniġment superjuri huma rġiel u 17 % nisa; jitlob lill-Awtorità tiżgura li fil-futur ikun hemm bilanċ bejn il-ġeneri fil-livell tal-maniġment superjuri;

25. Iħeġġeġ lill-Awtorità taħdem biex tiżviluppa qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani li jindirizza l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri, it-telexogħol, il-bilanċ ġeografiku fost il-membri tal-persunal kif ukoll ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità;

Akkwist

26. Jinnota li l-Awtorità eżegwiet erba' proċeduri ta' akkwist 'il fuq mil-limitu previst fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), u li l-Awtorità kkonkludiet ukoll 14-il kuntratt li rriżultaw minn proċeduri nnegozjati ta' 'l fuq minn EUR 15 000;

27. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-Awtorità użat kuntratt qafas ma' kumpanija tal-IT għall-forniment ta' konsulenti tal-IT u li l-Awtorità ħarġet struzzjonijiet ta' xogħol lil xi whud minn dawn il-konsulenti tal-IT direttament, li potenzjalment iwassal biex wieħed ma jkunx jista' jaqta' linja dritta bejn il-persunal tal-Awtorità u l-konsulenti; jenfasizza r-riskji li jġib miegħu l-użu ta' konsulenti esterni tal-IT; iħeġġeġ lill-Awtorità toqgħod partikolarment attenta li tiżgura s-sigurtà tal-operazzjonijiet u l-protezzjoni tad-data; jinnota t-tweġiba tal-Awtorità li dan irriżulta mill-implimentazzjoni ta' mudell ġdid ta' servizzi tal-IT u l-kuntratt qafas relatat, u li l-Awtorità qed taħdem biex tiżviluppa l-ġestjoni tagħha fl-integrazzjoni tas-servizzi ta' parti terza; jistieden lill-Awtorità żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar dan il-proċess ta' maturazzjoni u ta' konsolidazzjoni tal-konsum ibbażat fuq is-servizz tas-servizzi tal-IT;

28. Jinnota bi tħassib kbir l-osservazzjoni tal-Qorti li l-Awtorità qed tieħu riskji legali u reputazzjonali meta tuża kumpanija tal-IT mhux domiċiljata fil-pajjiż ospitanti tal-Awtorità biex tipprovdi konsulenti tal-IT li jaħdmu fil-bini tal-Awtorità li jikkwalifikaw għall-istatus ta' ħaddiem stazzjonat skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi Franċiża dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema ([4]) u d-Direttiva dwar l-Infurzar ([5]), u meta ma tivverifikax id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-kuntrattur mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

29. Jilqa' l-passi ulterjuri li ttieħdu sabiex tissaħħaħ it-trasparenza tal-attivitajiet tal-Awtorità permezz tar-rapportar tal-laqgħat li l-persunal tal-Awtorità jkollu ma' partijiet ikkonċernati esterni, u d-disponibbiltà tagħhom, fuq is-sit web tal-Awtorità;

([3]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

([4]) Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

([5]) Id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11).

30. Jinnota b'sodisfazzjon li d-dikjarazzjonijiet ta' interess u s-CVs tal-maniġment superjuri u tal-membri kollha tal-bord maniġerjali huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Awtorità; jinnota bi ħassib li d-dikjarazzjonijiet ta' interess annwali ppubblikati fuq is-sit web huma bbażati fuq awtovalutazzjoni mill-membri tal-bord maniġerjali; jistieden lill-Awtorità tevalwa b'mod indipendenti l-eżistenza potenzjali ta' kunflitti ta' interess; jilqa' l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kunflitti ta' interess għal persuni li mhumiex membri tal-persunal lil hinn mill-bord tas-superviżuri u l-bord maniġerjali, biex jinkludi l-kumitat permanenti kontra l-ħasil tal-flus, il-kumitat tar-riżoluzzjoni u panels indipendenti, inklużi panels li jinvestigaw ksur tad-dritt tal-Unjoni;

31. Jinnota li l-Awtorità stabbiliet politiki ta' prevenzjoni tal-fastidju u oqfsa ta' taħriġ relatati;

32. Jinnota l-adozzjoni tal-istrateġija kontra l-frodi tal-2019 mill-Awtorità f'Jannar 2020, li tirrifletti l-aġġornament tal-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi biex jiġi żgurat allinjament shiħ; jinnota li l-aktar valutazzjoni reċenti tar-riskju ta' frodi, li hija strument ċentrali għat-tfassil ta' miżuri kontra l-frodi bi qbil mal-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi, fl-2019 ma twettqitx minħabba r-rilokazzjoni tal-Awtorità u l-konklużjoni tardiva tal-valutazzjoni preċedenti; jistieden lill-Awtorità terġa' tibda t-twettiq annwali ta' valutazzjoni tar-riskju ta' frodi u, fejn meħtieġ, taġġusta l-istrateġija tagħha kontra l-frodi;

33. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja: il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess wara l-impjieg fis-servizz pubbliku ([6]) kif ukoll id-deċiżjoni tat-18 ta' Novembru 2020 u r-rakkomandazzjoni tas-7 ta' Mejju 2020 tal-Ombudsman Ewropew fil-każ 2168/2019/KR; jinnota bi ħassib l-inkjesta li saret mill-Ombudsman wara d-deċiżjoni tal-Awtorità li ma twaqqafx lid-direttur eżekuttiv preċedenti tagħha milli jassumi rwol mal-Association for Financial Markets in Europe (AFME) u l-konklużjoni tal-inkjesta li kien hemm amministrazzjoni ħażina mill-Awtorità meta ma rtiratx b'mod immedjat l-aċċess tad-direttur eżekuttiv tagħha għal informazzjoni kunfidenzjali; jenfasizza li, f'dan il-każ, il-projbizzjoni ta' trasferiment dirett lejn l-AFME setgħet ġiet ikkunsidrata; jinnota r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Ombudsman u t-tweġiba tal-Awtorità li l-politika dwar il-persunal il-ġdida tindirizza r-rakkomandazzjonijiet; jilqa' l-adozzjoni, min-naħa tal-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità, tal-politika tagħha dwar l-indipendenza u l-proċessi deċiżjonali biex jiġu evitati kunflitti ta' interess bħala l-ewwel pass lejn il-prevenzjoni u l-ġestjoni xierqa tal-kunflitti ta' interess u miżuri ta' trasparenza; jistieden lill-Awtorità biex, jekk għadhom mhumiex allinjati għalkollox, tiżgura li l-proċeduri interni ta' kif tittratta l-kunflitti ta' interess ikunu konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman; jistenna b'interess aġġornament shiħ dwar l-istat attwali tal-miżuri ta' prevenzjoni u ġestjoni meħuda u/jew previsti sabiex jiġi evitat li tirrepeti ruħha sitwazzjoni bħal din; jissottolinja li sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess wara impjieg pubbliku u "revolving doors" huma problema komuni għal ħafna korpi u aġenziji madwar l-Unjoni; jistieden lill-Awtorità tipprevjeni każijiet ta' "revolving doors" fil-futur; jistieden lill-Awtorità tieħu spunt mill-pubblikazzjoni tal-opinjonijiet tal-Kumitat tal-Etika tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar każijiet ta' kunflitti ta' interess u impjieg bi ħlas wara mandat, sabiex tiżdied it-trasparenza dwar il-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess u l-impjieg bi ħlas wara mandat; jistieden ukoll lill-Awtorità tinforza l-linji gwida tagħha dwar l-etika sabiex tipproteġi l-integrità tal-Awtorità u tistabbilixxi prattiki ġusti u responsabbli;

34. Jistieden lill-Qorti biex, fl-awditi futuri tagħha fir-rigward tal-Awtorità, teżamina speċifikament: (i) jekk il-membri tal-persunal f'kariga għolja jkunux ħadu ċerti karigi fl-industrija finanzjarja wara l-mandat tagħhom u (ii) jekk l-aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali għall-membri tal-persunal jiġix irtirat fil-mument opportun malli jsir magħruf li jkunu se jiċċaqilqu għal impjieg ieħor;

Kontrolli interni

35. Jinnota l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' qafas ta' kontroll intern rivedut mill-Awtorità f'Jannar 2020; jiddispjaċih li fl-2019 ma saret l-ebda valutazzjoni annwali tal-qafas ta' kontroll intern; jistieden lill-Awtorità twettaq il-valutazzjoni annwali bla dewmien u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati tagħha fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza annwali;

([6]) Testi adottati, P9_TA(2020)0017.

36. Jinnota li wara t-tlestija tar-rilokazzjoni minn Londra għal Pariġi wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, sar provvediment ta' EUR 10,1 miljun b'rabta mal-kiri tal-uffiċċju tal-Awtorità f'Londra; jissuġġerixxi li jsir awditu ladarba l-ispejjeż u l-konsegwenzi kollha taċ-ċaqliq ikunu ċari sabiex jiġu identifikati l-aħjar prattiki u oqsma fejn jista' jsir titjib;

Kummenti oħra

37. Jilqa' l-impenn tal-Awtorità li tirreġistra l-ispazju tal-uffiċċji tagħha fl-iskema ta' ġestjoni u verifika ambjentali tal-Unjoni (EMAS); jistieden lill-Awtorità ssaħħaħ l-impenn tagħha għall-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol sostenibbli; iħeġġeġ lill-Awtorità ssegwi mill-qrib il-linji gwida tal-EMAS;

38. Jilqa' l-isforzi magħmula biex jiżdiedu ċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-data tal-Awtorità, b'referenza partikolari għall-kampanja ta' taħriġ għall-persunal statutorju kollu;

39. Jemmen li l-Awtorità għandha tqis l-isfidi diġitali l-ġodda u dawk relatati mas-sostenibbiltà; iqis li t-twettiq ta' dawn l-objettivi stabbiliti u l-integrazzjoni tagħhom fil-qafas regolatorju u superviżorju jrid dejjem ikun allinjat mat-tisħiħ tas-suq, mingħajr ma tiddgħajjef il-kompetittività tiegħu u mingħajr ma jitqiegħed piż eċċessiv fuq l-atturi tas-suq, speċjalment dawk ta' daqs żgħir u medju; jemmen li l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn l-objettivi għandu jkun akkumpanjat minn riżorsi adegwati;

40. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 ([7]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([7]) Testi adottati, P9_TA(2021)0215.